**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**bħala Qorti Rimandanti**

**(ai termini tal-Kap 276 tal-Li?ijiet ta' Malta)**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja, M.A. Law, LL.D. (melit)*

Illum it-Tnejn 14 ta' Novembru 2016

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Donatella CONCAS**

(aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradanta")

Il-Qorti :

Rat l-Allert fis-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen għall-finijiet t'estradizzjoni li jġib in-numru ITRMACPNCGCGDZK00000l u l-mandat t'arrest Ewropew (aktar l-isfel magħrufa bħala "MAE") maħruġ mill-Prokuratur tar-Repubblika fil-Qorti ta' Venezia fis-27 ta' Lulju 2015 u l-ħruġ taċ-ċertifikat mill-Avukat Ġenerali datat 17 ta' Frar 2016 fil-konfront ta' Donatella CONCAS, 40 sena, ta' nazzjonalita Taljana, imwielda l-Italja, nhar it-23 ta' Ġunju 1976, bint Saverio u Cecilia Concas, pussessur tal-karta tal-passaport Taljan bin-numru F644032, residenti lokalment fil-fond 18, Triq Tumas Dingli, l-Mosta u dan sabiex tittreġġa' lura lejn l-Italja sabiex isservi

piena ta' priġunerija għal perjodu komplessiv ta' tliet snin, tminn xhur u tlettax il-ġurnata, u dan in konnessjoni ta' diversi reati ta' parteċipazzjoni fi kriminalita' organizzata bi skop t'użura, estorsjoni u pussess illegali t'armi (aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradanta").

Rat iċ-ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali skont ir-regolament 7 tal-Ordni fejn jiċċertifika li l-Awtoritajiet tal-Pulizija fl-Italja huma l-awtorita li ħarġu l-allert skont is-Schengen Information System aktar fuq imsemmi kontra l-estradanta għandhom il-funzjoni li joħroġu allerti fl-Italja;

Rat li matul l-udjenza tat-18 t'Ottubru 2016 l-Ispettur tal-Pulizija Herman Mula ikkonferma bil-ġurament ir-raġunijiet li wasluh sabiex iressaq lill-estradanta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u fejn talabha tipproċedi kontra l-estradanta skont id-disposizzjonijiet tal-Avviż Legali 320 tal-2004.

Rat l-eżami tal-estradanta magħmul minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ai fini tal-identifikazzjoni tal-estradanta, u rat li l-estradanta kienet qegħda tikkontesta t-talba għall-estradizzjoni;

Rat il-verbal tal-istess seduta miżmuma quddiem din il-Qorti diversament presjeduta minn fejn jirriżulta li ġiet kondotta l-"initial hearing" minn fejn ġie ċertifikat li dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-Persuna ta' CONCAS Donatella miġjuba quddiemha kienet l-istess persuna li jirriferi għaliha l-MAE u dan ai termini tar-regolament 10 tal-Ordni kif ukoll fejn jirriżulta li l-estradanta ma kientx qiegħda tagħti l-kunsens tagħha biex tintbagħat lura lejn il-pajjiż skont

il-MAE meritu tal-kawża u dan ai termini tar-regolament 11 tal-Ordni.

Rat ukoll li matul is-seduta tal-24 t'Ottubru 2016 quddiem din il-Qorti kif presjeduta, din il-Qorti ikkonfermat mal-estradanta li fil-fatt l-identita' tagħha kienet dik ta' CONCAS Donatella riferit fil-MAE kif ukoll aċċertat mill-estradanta stess li hija kienet ġiet notifikata bil-MAE.

Rat li l-Qorti ddeċidiet li r-reati li għalihom inħareġ il-MAE huma kollha reati ta' estradizzjoni ai termini tal-Artikolu 12 tal-A.L. 320 tal-2004;

Rat ir-rikors tal-estradanta fejn talbet sabiex f'dan l-istadju tal-proċeduri tirreferi l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) stante li tenniet li din l-estradizzjoni kienet bi ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali fejn oppona għall-imsemmi rikors.

Rat li matul is-seduta tat-28 t'Ottubru 2016, għar-raġunijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti ċaħdet it-talba għal referenza kostituzzjonali u pproċediet bil-proċedura tal-estradizzjoni.

Rat li matul l-istess seduta il-Qorti rat li d-Difiża ddikjarat li ma kien hemm ebda impedimenti għall-estradizzjoni taħt l-Artikolu 13 tal-Ordni.

Rat li fid-dawl ta' dan, il-Qorti ddeċidiet li t-treġġiegħ lura tal-estradanta ma huwa impedut minn ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-istess Artikolu 13(1) tal-A.L. 320 tal-2004. Iżda peress li f'dawn il-proċeduri qiegħed jiġi

allegat li l-estradanta qegħda tiġġerra barra kontra l-liġi wara li kien instabet ħatja ta' reati ta' estradizzjoni, il-Qorti mexxiet taħt l-Artikolu 23 tal-A.L. 320 tal-2004.

Rat li f'dan l-istadju d-Difiża ssolevat il-punt li f'dan il-każ is-sentenza kundannatorja finali kienet ingħatat fl-assenza ta' CONCAS u li l-kriterja għalbiex CONCAS setgħet tiġi ritenuta misjuba leġittimament ħatja in absentia ma kienux soddisfatti.

Rat ukoll l-ordni tagħha ai termini tal-Artikolu 13A tal-Ordni sabiex fid-dawl tal-istess preġudizzjali il-Prosekuzzjoni tottjeni informazzjoni mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani li jistgħu jitfgħu dawl fuq l-istess.

Rat li l-Prosekuzzjoni eżebiet kopja tas-sentenza datata 15 ta' Mejju, 2015 mogħtija mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana bin-numru 1053/2015, kif ukoll kopja ta' e-mail mibgħuta mill-Eurojust Desk tal-Italja lil Eurojust Desk ta' Malta illi fih hemm ir-risposta għall-kweżiti ta' din il-Qorti kontenuti fir-rikjesta għall-informazzjoni skont l-Artikolu 13A tal-Ordni.

Rat li bi tweġiba għall-preġudizzjali sollevata mid-Difiża, il-Prosekuzzjoni tenniet illi :

1.kemm mill-kopji tas-sentenzi eżebiti u kif ukoll mill-informazzjoni ulterjuri mogħtija mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani taħt il-firma ta' Dr. Rosella Rossi jirriżulta illi s-sentenza illi stabbiliet il-ħtija ta' CONCAS u li hija dik finali u li għandha tiġi eżegwita hija s-sentenza mogħtija mill-*Prima Corte d'Assise d'Appello di Venezia* datata 21 ta' Frar, 2014;

2.li jirriżulta mill-istess sentenza u mill-istess e-mail hawn fuq imsemmija illi Donatella CONCAS kienet kemm preżenti kif ukoll assistita mill-Avukat Antonio Gallo matul dawk il-proċeduri;
3.barra dan il-Prosekuzzjoni ikkontendiet illi Donatella CONCAS kienet ukoll debitament rappreżentata fl-istadju tar-rikors quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni u dan kif jirriżulta mill-informazzjoni addizzjonali mogħtija mill-imsemmija Dottoressa Rossi u skont kif ukoll mistqarr mis-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana aktar 'il fuq imsemmija minn fejn f'paġna tnejn jingħad illi fost affarijiet oħra ġie wkoll mismugħ Antonio Gallo għal CONCAS Donatella.
4.Il-Prosekuzzjoni għalhekk tenniet illi kemm ir-rekwiżit tal-Artiklu 23(1) tal-Ordni gie sodisfatt; u mingħajr preġudizzju għal dan anke r-rekwiżit taħt l-Artiklu 23(3) jirriżultaw ukoll sodisfatti, b'mod partikolari s-subinċiż (b) tal-istess in kwantu mill-ittra tad-Dottoressa Rossi jirriżulta illi kemm CONCAS u kif ukoll l-Avukat tagħha kienu notifikati bid-data tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana u tant hu hekk li mill-istess sentenza jirriżulta illi Dottor Antonio Gallo kien ukoll tratta quddiem dik il-Qorti in kwantu l-istess Qorti ssemmi illi kien mismugħ flimkien ma' Avukati oħrajn.
5.Mingħajr preġudizzju għal dan, a fol. 31 jirriżulta wkoll li fid-deċide il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana hija rriġettat ir-rikorsi fosthom dak ta' CONCAS u oltre minn hekk kull ma għamlet kien illi kkundannat lil CONCAS u oħrajn għall-ħlas tal-ispejjeż proċesswali. Dan kien juri li dik il-Qorti ma daħlitx fil-mertu fattwali tal-każ.

Minn naħa tiegħu l-Avukat Difensur Dottor Malcolm Mifsud għall-estradanta irrileva illi kontra l-impressjoni li kienet qed tingħata mill-

Prosekuzzjoni f'dan il-każ, ir-rikors fil-Kassazzjoni magħmul minn CONCAS ma kienx xi proċedura amministrattiva iżda kien rikors ta' natura ġudizzjarja fejn il-Qorti ta' Kassazzjoni ġiet mitluba tanalizza punti ta' natura legali li kienu jolqtu u jitnisslu minn analiżi tal-fatti tal-każ kif jirrizulta li għamlet l-istess Kassazzjoni.

Id-Difiża kkontendiet illi l-Artiklu 23 jipotizza kriterji f'ordni ġerakiku u esklussiv fis-sens illi l-kriterja imsemmija fl-Artiklu 23(1) u 23(3) tal-Ordni kienu jeskludu waħda lill-oħra u dan għaliex jekk ikunu applikabbli l-kriterja fl-Artiklu 23(1) dan kien jeskludi l-applikabbilita' tal-Artiklu 23(3) tal-Ordni. B'hekk il-Prosekuzzjoni riedet tiddeċiedi ma' liema kriterju kienet ser torbot l-argumenti tagħha. Id-Difiża saħqet inoltre li f'dan il-każ il-kriterja stabbilita fl-Artiklu 23(1) tal-Ordni ma ġewx sodisfatti in kwantu il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-preżenza ta' CONCAS fl-istadji kollha tal-Ġudizzju. Dan kienet qiegħed jingħad ukoll għaliex l-email mibgħuta mid-Dottoressa Rossi ma tissodisfax il-kriterju tal-*best evidence rule* applikabbli fil-kamp penali, stante li l-Awtorita' Gudizzjarja Taljana ma pproducietx almenu kopja tal-verbali mir-Registri tal-Qrati rispettivi li jistgħu jattestaw il-preżenza o meno tal-estradanta.

Inoltre, d-Difiża tenniet li b'referenza għall-Artiklu 23(b) tal-Ordni il-Prosekuzzjoni riedet tipprova żewġ rekwiziti:

a. li l-estradanta kienet konsapevoli tad-data tal-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni;

b. li tat mandat lil Avukat biex jidher għaliha f'dawk il-proċeduri.

Id-Difiża saħqet li mill-provi prodotti kien jidher li l-Avukat Antonio Gallo kien l-Avukat ta' CONCAS fil-proċeduri kollha kontra l-estradanta u jidher li kellu xi forma ta' mandat iżda dan ma jfissirx li l-estradanta kienet konsapevoli tal-proċeduri li kienu għaddejjin kontriha tant li f'dan ir-rigward kien hemm mankanza totali ta' provi.  B'hekk ir-rekwiziti tal-Artikolu 23(3)(b) tal-Ordni ma kienux soddisfatti.

Id-Difiża kompliet tisħaq li l-Prosekuzzjoni lanqas irnexxielha tipprova soddisfaċentement li CONCAS kienet notifikata bis-seduta quddiem il-Kassazzjoni stante li ebda dokumentazzjoni relattiva ma ġiet eżebita.

Rat li l-Prosekuzzjoni irreplikat illi għalkemm id-Dottoressa Rosella Rossi ma kienetx xhud okulari hija kienet qegħda taġixxi fil-kapaċita tagħha tal-Membru Nazzjonali tal-Eurojust Desk tal-Italja u b'hekk ir-riferent tal-informazzjoni mill-Awtorita' Gudizjarja Taljana lil Awtorita' Gudizjarja Maltija tramite l-Eurojust, liema informazzjoni hija bbażata fuq il-kunċett tal-fiduċja reċiproka bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji fi ħdan l-Unjoni Ewropeja.  U dan minbarra l-fatt li ħafna mill-informazzjoni trasmessa mid-Dottoressa Rossi kienet diga, fil-maġġor parti tagħha, diga' kontenuta fil-MAE.  Il-Prosekuzzjoni saħqet li hija proċediet biex iġġib din l-informazzjoni mingħand l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani fuq ordni tal-Qorti.  Il-Prosekuzzjoni ikkonkludiet li sa' mill-bidu nett kienet tenniet illi dik id-deċiżjoni li kienet rilevanti għall-fini ta' dan il-każ u tal-Artiklu 23 ma kienetx is-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana iżda s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Venezia.

*Ikkunsidrat : -*

Il-Qorti qieset sewwa il-preġudizzjali sollevata mid-Difiża kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet, nonche d-dokumenti kollha eżibiti f'dawn l-atti. Din il-Qorti jidhrilha li l-iskop ewlieni u aħħari wara l-ħolqien tal-mandati t'arrest ewropej kien wieħed li jassikura speditezza u mill-anqas burokrazija fit-twettieq ta' deċiżjonijiet tal-Awtoritajiet Ġudizzjarji fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja fir-rigward tar-ritorn ta' persuni rikjesti u li jkunu jinstabu fit-territorju Ewropew li għall-fini tal-koperazzjoni ġudizzjarja kellu jitqies bħala territorju uniku. Dawn il-prinċipji huma msejsa fuq il-kunċett tal-fiduċja reċiproka li għandu jsaltan bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej u l-istati membri Ewropej li għażlu fis-sovranita tagħhom li jillimitaw l-istess sovranita u jagħtu spinta lil fiduċja reċiproka fl-Awtoritajiet Ġudizzjarji Reċiproċi.

Il-komunikazzjonijiet bejn l-istess Awtoritajiet għandhom jitqiesu li jkunu qegħdin isiru fi ħdan din il-filosofija kif ukoll b'rispett lejn il-verita' proċesswali, b'responsabbilta' u dejjem *in buona fede*. U allaħares kien mod ieħor, għaliex altrimenti l-pilastru tal-fiduċja reċiproka li fuqu hija msejsa l-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-MAE jikkrolla.

Il-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-MAE mhix bħal proċeduri penali oħra. Għalhekk ikun żbaljat li jiġu adottati il-kriterji t'applikazzjoni u interpretazzjoni stretta li jikkaratterizzaw il-proċedura penali f'dan il-kamp bl-istess mod bħal ma jsir fi proċeduri penali fejn Qorti tkun trid

tiddetermina r-responsabbilta' penali o meno ta' persuna imputata. Dan japplika wkoll għall-xi provi jridu jitresqu f'dawn il-proċeduri kif ukoll il-livell ta' suffiċjenza probatorja.

L-anqas ma huma applikabbli bl-istess mod ir-regoli tradizzjonali tal-estradizzjoni. Anzi din il-proċedura ġiet maqbula bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja speċifikament sabiex ma jkunx hemm l-istess kriterja applikabbli f'każijiet t'estradizzjoni bejniethom.

Dan huwa qasam li huwa divers u sa ċertu punt uniku għall-Unjoni Ewropeja. Għalkemm ċertu veduti tradizzjonalisti ċċensuraw din il-modalita tal-ħsieb, il-fatt jibqa' li l-proċedura tal-eżekuzzjoni tal-mandat t'arrest ewropew teżalta għall-fini ta' koperazzjoni ġudizzjarja l-unifikazzjoni tat-territorju tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja ghall-fini ta' kooperazzjoni Gudizzjarja li aderew ruħhom għal din il-proċedura.

B'hekk l-istqarrijiet u d-dokumenti mibgħuta mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej fil-qafas ta' proċedura għall-eżekuzzjoni tal-MAE, u fl-ewwel lok il-MAE innifsu u d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji rispettivi għandhom piż u valenza qawwija f'dawn il-proċeduri.

***Ikkunsidrat:***

Mistqarr dan kollu, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni għandha raġun fl-argumenti tagħha.

Meta l-Qorti hija mistiedna taħt l-Artikolu 23(1) tal-Ordni biex tiddeċiedi "jekk il-persuna kienetx insabet ħatja quddiemha" hawnhekk il-Qorti trid tara liema kienet dik id-deċiżjoni li tkun sawwret il-ħtija tal-persuna u li in bażi ta liema sentenza tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni bis-saħħa tal-MAE. F'dan il-każ il-Qorti jidhrilha li din is-sentenza mhix is-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni iżda hija dik is-sentenza mogħtija mill-Prima Corte D'Assise D'Appello di Venezia tal-21 ta' Frar 2014. Il-Qorti hija soddisfatta mill-provi prodotti li għal dik il-proċedura u sentenza CONCAS mhux biss kienet notifikata, iżda kienet ukoll preżenti u assistita mill-Avukat Antonio Gallo. Dan jidher ċar mhux biss mill-informazzjoni supplita fil-MAE, iżda huwa wkoll evidenzjat mis-sentenza innifisha u ribadit fl-e-mail iffirmata mid-Dottoressa Rossella Rossi. Fl-aħħar mill-aħħar is-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana bl-ebda mod ma ddisturbat dik is-sentenza; anzi billi ċaħdet ir-rikors tal-CONCAS dik is-sentenza saret awtomatikament eżegwibbli. Dan ifisser li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Taljani ipproċedew għall-ħruġ tal-MAE in bażi għal dik is-sentenza li hija legalment eżegwibbli u li meta ingħtat il-CONCAS kienet preżenti għaliha.

Iżda anke jekk *dato ma non concesso* u biss *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tilqa' l-istess preġudizzjali fis-sens li CONCAS kellha tkun ukoll preżenti għas-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni, din il-Qorti jidhrilha li mill-provi prodotti quddiemha, kemm mis-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni kif ukoll mill-informazzjoni supplita mid-Dottoressa Rossi jirriżulta li fl-istadju tal-Kassazzjoni CONCAS kienet rappreżentata mill-Avukat tal-fiduċja tagħha Antonio Gallo u li dan saħansitra tratta r-rikors in kassazzjoni f'isimha. Dan

jissodisfa l-vot tal-Artikolu 23(3) tal-Ordni. Din il-Qorti ssibha diffiċli temmen l-argument sollevat mid-Difiża li l-Avukat Gallo setgħa aġixxa fil-Kassazzjoni mingħajr l-għarfien u l-kunsens tal-estradanta, dato in-natura ta' dan il-kaz.

Għalhekk il-Qorti qegħda tilqa' l-kwistjoni imsemmija fl-Artikolu 23(1) tal-A.L. 320 tal-2004 u pproċediet skont l-Artikolu 24 tal-istess Avviż Legali.

# Konklużjoni

Stante li ma hemm ebda impediment legittimu ghaliex l-istess CONCAS Donatella għandha ma tintbagħatx lejn l-Italja skont kif mitlub mill-Awtorita Ġudizzjarja Taljana fil-MAE jew li jkun hemm dewmien fl-ispedizzjoni tagħha lejn l-Italja in eżekuzzjoni tal-istess MAE, il-Qorti qegħdha tordna li CONCAS Donatella tinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura lejn l-Italja u cioe l-pajjiż skedat minn fejn inħareġ il-MAE u dan ai termini tar-regolamenti 13(4) u 24 tal-Ordni.

Din l-ordni għal-kustodja tal-estradanta qegħdha ssir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradanta lejn l-Italja tkun soġġetta dejjem għal-*law of speciality* ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilha fil-MAE u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

Il-Qorti qegħdha, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni kif ukoll tal-Artikolu

16 tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta’ Malta tinforma lill-estradanta li :

(a)hija mhix ser tiġi mreġġa’ lura lejn l-Italja qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data ta’ din l-ordni ta’ kustodja;

(b)għandha dritt li tinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-Ordni;

***(c)***jekk jidhirlha li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ġie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun ġiet jew x’aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, hija għandha jedd titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ.

***Aaron M. Bugeja***

Estradizzjonijiet/digrieti/extradition hearing/finali.